MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 134/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**
**Spettur Victor Aquilina**
v

**JON LAWRENCE FORMOSA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JON LAWRENCE FORMOSA** ta' tletin sena, bin il-mejjet John James u Barbara Margaret nee Colverson, imwieled Londra nhar s-sitta ta' Marzu 1978 u residenti 8, Triq il-Kurcifiss, Isla jew 26, Triq il-Mithna, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` numru 546993M gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2009 u matul l-ahhar tlett xhur ta' qabel din d-data, forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini

Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lil persuna jew persuni jew ghal uzu ta’ persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghal Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghal uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-Fiat tal-Avukat Generali ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit bhala Dok. CSH, l-fedina penali tal-istess imputat esibita bhala Dok. CSH 1, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-hamsa w ghoxrin ta’ Frar 2009 esibita bhala Dok. CSH 2 kif wkoll estratt mill-att tat-twelid tal-imputat esibit bhala Dok. CSH 3.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Frar 2009 w ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried, setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta ta’ llum u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Rat il-fedina penali tal-imputat esibita bhala Dok. CSH 1 fl-atti minn fejn jirrizulta li hemm hames reati registrati fuqha li jirrisalu sa mis-sena 1997 dwar reati kontra l-Orindanza tat-Traffiku, pussess ta’ medicina illegali, pussess ta’ droga u falsifikazzjoni f’att pubbliku, fejn inghata multa, sentenzi sospizi u probation orders, pero jidher li l-imputat, ghalkemm diga nghata diversi cansijiet biex jirriforma ruhu qatt ma tghallem tant li llum jinsab ghaddej proceduri kriminali.
Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti ma thossx li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta, li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu ma kienx wiehed genwin w ghalhekk ma thossx li ghandha tkun daqstant klementi mieghu u li ghandha tuza l-id iebsa taghha sabiex forsi darba ghal dejjem jitghallem mill-passat tieghu.

Il-Qorti qabel xejn tirrebadixxi li r-reat ta' traffikar huwa reat serju u jgorr mieghu nvarjabilment piena karcerarja. Dan jghodd wkoll ghal min jqassam d-droga sabiex jikkoltiva ossia jissodisfa l-vizzju tieghu. Persuna li tiddependi fuq id-droga, ghandha tipprova tikkura ruhha u mhux tittraffika d-droga bi hsara rreparabbli lis-socjeta.

Bejn r-reat ta' traffikar u dak ta' pussess jezisti f'dan il-kaz, in-ness tal-mezz ai fini skond l-paragrafu (h) tal-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk wiehed ghandu jimxi fuq il-piena ghar-reat l-aktar gravi li hu dak ta' traffikar.

Ghal dan r-reat ta' traffikar u r-reat inqas gravi ta' pussess ta' droga, japplika d-disposizzjoni tal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu 17 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat minn naha wahda:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-koperazzjoni tal-imputat sa mill-bidu nett meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu;

U minn naha l-ohra:-

3. Il-fatt li l-imputat ilu tiela u nizel l-Qorti ghal dawn l-ahhar ghaxar snin in konnessjoni ma reati ta' droga; u

4. Il-fedina penali tal-imputat li minnha jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li nstab fil-pussess ta' droga, u dan nonostante hu baqa ghaddej fit-triq tal-kriminalita.

Illi din il-Qorti tqis li r-reat odjern li tieghu din il-Qorti qed issibu hati, huwa wiehed serju hafna u li qed jirrovina s-socjeta Maltija.

Illi ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, l-artikoli 8(a)(c)(d), 22(2) tal-Kap 101, l-artikolu 120A(2) tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-G.N. 292/1939 kif emendat, **tiddikjara li issib lill-imputat JON LAWRENCE FORMOSA hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tikkundannah ghal perjodu ta' sentejn u nofs [2½] prigunerija effettiva mill-lum oltre li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf euro [€1000] u fin-nuqqas jigu konvertiti fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tichad tali talba stante li ebda espert jew perit ma gie nominat f'din il-kumpilazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------